MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 480/2013

**Dino *sive* Deyen Schembri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ppreżentat mill-attur Dino *sive* Deyen Schembri fit-22 ta’ Mejju 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi nhar is-26 ta’ Ġunju 1977 twieled l-esponent u ngħata l-isem ta’ Deyen;

Illi minflok pero’ ma ġie mniżżel l-isem Deyen, għal xi raġuni tniżżel l-isem Dino, minkejja li huwa magħruf bħala Deyen;

Illi l-esponent jixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tiegħu b'mod illi minflok l-intestatura *"DINO"* taħt il-parti *"ismijiet tat-tarbija"* titniżżel l-intestatura *"DEYEN"*;

Illi l-esponent dejjem sejħulu bl-isem ta' DEYEN matul ħajtu u qatt ma ssejjaħ bl-isem Dino;

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lill-konvenut jikkoreġi l-Att tat-Twelid tal-esponent b'mod illi minflok l-intestatura *"DINO"* taħt il-parti *"ismijiet tat-tarbija"* titniżżel l-intestatura *"DEYEN"*.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-18 ta' Ġunju 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mingħajr ħsara għas-suespost, ir-rikorrent għandu jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hu qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu ħalli b'hekk l-esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrent jindika taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi huwa qiegħed jorbot l-proċeduri istanti;

Illi bla preġudizzju għas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent u mill-att tat-twelid li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 4858 tas-sena 1977 (hawn anness u mmarkat bhala Dok A) li kien effetivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni li jista' jkun attribwit lill-esponent. Di fatti d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti saret minn Omm ir-rikorrenti stess u ċjoe' minn Maria Dolores

Schembri, fejn iddikjarat li d-dettalji mniżżla fuq l-istess att huma korretti, inklużi l-ismijiet mogħtija lir-rikorrent mill-ġenituri tiegħu stess;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, għaldaqstant id-dikjarazzjoni li fiċ-ċirkostanzi odjerni tista' tingħata minn din l-Onorabbli Qorti għandha diversament minn dak indikat mir-rikorrent tkun fis-sens li r-rikorrent kien konsistentament imsejjaħ u magħruf bl-isem *"Deyen"* u mhux *"Dino"* u dan abbażi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti filwaqt li jagħmel referenza għall-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrileva, li sabiex imbagħad l-azzjoni tar-rikorrenti tkun tista' tirnexxi taħt l-istess Artikolu 253(2) ir-rikorrenti jrid jipprova li hu kien konsistentament imsejjaħ bl-isem ta' *"Deyen"* fil-ħajja ċivili tiegħu permezz ta' provi bħal ċertifikati pubbliċi jew affidavits ta' persuni li setgħu jixhdu li jafuh b'dak l-isem;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba kif postulata mir-rikorrent hija insostenibbli, u għalhekk din it-talba m'għandhiex tintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:

Illi r-rikorrent naqas milli jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li hu kien konsistentement magħruf fil-ħajja ċivili tiegħu bħala *"Deyen"* minflok *"Dino"* hekk kif jitlob l-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi *inoltre* fit-talba tiegħu r-rikorrent ma talabx sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba mir-rikorrent fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti tal-Istatus Ċivili a tenur tal-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba kif postulata mir-rikorrent ma titlob l-ebda obbligu da parti tal-esponent. Isegwi għalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens li din *"l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tar-rikorrent";*

Illi kull talba għall tiswija ta' reġistrazzjoni għandha tinkludi ukoll talba sabiex *il-bdil effetwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom* u dan a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talba u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat l-affidavits u d-dokumenti esebiti;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni tal-ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-attur tista' tghid minn dejjem kien magħruf bl-isem *"Deyen"*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u għaldaqstant m'għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------